Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 75/2009

**A B**

**-vs-**

**C D, f'isimha proprju; u li b'digriet tas-6 t'April 2009 giet nominata ukoll bhala Kuratrici tal-minuri E F G; H I G u Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, fejn dan wara li ppremetta:

Illi kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid bin-numru 331 tas-sena 2009, hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A", nhar l-Erbgha 17 ta' Dicembru 2008 twieled E F G;

Illi fuq l-imsemmi Att ta' Twelid gie indikat bhala missier it-tarbija l-intimat H I G bil-karta ta' l-Identita' bin-numru

*omissis (k.i. nru)* ta’ tmienja u ghoxrin (28) sena, bin J G, imwieled Ipswich, l-Inghilterra u residenti Haz Zebbug, Malta. Illi in oltre t-tarbija inghatat il-kunjom ta’ l-intimat H I G;

Illi waqt it-tqala u fil-mument tat-twelid tat-tarbija l-intimata C D, omm l-istess tarbija, kienet legalment separata minn ma’ l-intimat H I G u dana in forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel datat 30 ta’ April 2008;

Illi ghalkemm l-intimati C D u H I G isseparaw legalment fit-30 ta’ April 2008, kienu ilhom *de facto* separati sa’ minn Lulju 2007 u fil-fatt it-tarbija E F twieled minn relazzjoni li l-intimata C D kellha ma’ l-esponenti;

Illi H I G ma huwiex il-missier naturali tat-tarbija E F stante li l-missier naturali ta’ l-imsemmija tarbija huwa l-esponenti, u dana kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-esponenti ghandu interess, anke ghall-ahjar interessi tat-tarbija E F, li huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tarbija u tali dikjarazzjoni tigi debitament rikonoxxuta u annotata fl-Att tat-Twelid tat-tarbija b’dana li fil-parti dwar “Taghrif dwar it-tarbija” fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” jitnizzel kunjom l-esponenti minflok il-kunjom “G” li huwa kunjom l-intimat H I G, u li fil-parti dwar “Taghrif dwar missier it-tarbija” jitnizzlu isem u kunjom u d-dettalji ta’ l-esponent minflok isem u kunjom u d-dettalji ta’ l-intimat H I G;

Illi kontestwalment ma’ dan ir-Rikors Guramentat l-esponenti qed jipprezenta rikors ghall-hatra ta’ Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri E F G;

Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lill-esponenti personalment.

**<u>Ragunijiet tat-Talba:</u>**

Illi kif premess minn relazzjoni li l-esponenti kellu ma' l-intimata C D twieldet it-tarbija E F fis-17 ta' Dicembru 2008;

Illi fuq l-Att tat-Twelid tat-tarbija gie indikat bhala missier it-tarbija l-intimat H I G u gew imnizzla d-dettalji kollha tieghu, in oltre t-tarbija inghatat il-kunjom ta' l-istess intimat H I G;

Illi H I G ma huwiex il-missier naturali tat-tarbija E F billi l-missier naturali ta' l-istess tarbija huwa l-esponenti;

Illi ghalhekk l-esponenti ghandu interess, anke ghall-ahjar interessi tat-tarbija E F, li huwa jigi dikjarat bhala l-missier naturali tat-tarbija u li tali dikjarazzjoni tigi debitament rikonoxxuta u annotata fl-Att tat-Twelid bin-Numru 331 tas-sena 2009 b'dana li fil-parti dwar "Taghrif dwar it-tarbija" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jitnizzel kunjom l-esponenti minflok il-kunjom "G" li huwa kunjom l-intimat H I G, u li fil-parti dwar "Taghrif dwar Missier it-Tarbija" jitnizzlu isem u kunjom u d-dettalji ta' l-esponenti minflok isem u kunjom u d-dettalji ta' l-intimat H I G;

Illi ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront ta' l-intimati.

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-missier naturali tat-tarbija E F G li twieled fis-17 ta' Dicembru 2008 minn relazzjoni li r-rikorrenti kellu ma' l-intimata C D, omm it-tarbija, huwa l-istess rikorrenti u mhux l-intimat H I G;

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel u jirregistra l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid bin-numru 331 tas-sena 2009 b'dana li fil-parti "Taghrif dwar it-tarbija" senjatament fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jithassar il-kunjom "G" u minflok jigi imnizzel il-kunjom "B" u li fil-parti "Taghrif dwar

missier it-tarbija" jithassru isem u kunjom u d-dettalji kollha ta' l-intimat H I G u minflok jigu mnizzla isem u kunjom u d-dettalji tar-rikorrenti senjatament fil-kolonna "Isem u kunjom" jitnizzel "A B", fil-kolonna "Id-dokument ta' l-Identita'" jitnizzel in-numru *omissis (k.i. nru) Maltese ID Card Number*; fil-kolonna "Eta'" jitnizzel in-numru 33; fil-kolonna "Twieldu" jitnizzel San Giljan, Malta; fil-kolonna "Joqoghdu" jitnizzel Zebbug, Malta; u fil-kolonna "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" jitnizzel K B (*Alive*).

Bl-ispejjez fil-konfront ta' l-intimati, minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta, li permezz tieghu, il-konvenuta C D giet nominata kuratrici tal-minuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-istess C D, fejn din eccepiet:

Illi hija taqbel pjenament mal-verzjoni tal-fatti tar-rikorrent A B u tikkonferma illi l-minuri E F G twieled mir-relazzjoni illi hija kellha (u fil-fatt ghad ghandha) ma' l-istess rikorrent, wara illi hi kienet ilha *de facto* separata minn ma' zewgha, l-intimat H I G, sa minn Lulju, 2007.

Illi kwindi l-esponenti taqbel illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha fl-intier taghhom, b'dan pero' illi l-ebda parti f'dina l-kawza ghandha tigi kkundannata illi tbati izjed mill-ispejjez taghha stess;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Rat ir-risposta guramentata tal-istess C D, fejn din eccepiet:

Illi hija taqbel pjenament mal-verzjoni tal-fatti tar-rikorrent A B u tikkonferma illi l-minuri E F G twieled mir-relazzjoni illi hija kellha (u fil-fatt ghad ghandha) ma' l-istess rikorrent, wara illi hi kienet ilha *de facto* separata minn ma' zewgha, l-intimat H I G, sa minn Lulju, 2007.

Illi kwindi l-esponenti taqbel illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha fl-intier taghhom, b'dan pero' illi l-ebda parti f'dina l-kawza ghandha tigi kkundannata illi tbati izjed mill-ispejjez taghha stess;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, fejn dan eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu fil-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali ghalkemm f'dan l-ambitu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi in vena preliminari ukoll, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jipprova ukoll l-impossibilita' fizika tal-kongungiment bejn il-konjugi C D u H I G tul il-perjodu li jsemmi l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi subordinatament bla pregudizzju ghall-premess jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti, b'referenza ghat-tieni talba tar-rikorrenti l-esponenti jissuggerixxi ghal kull bwon fini sabiex kull fejn hemm indikat il-kelma '*annotat*' jew '*annotati*' din tigi mibdula bil-kelma '*mnizzel*' jew '*mnizzla*' rispettivament u dan biex jigu evitati xi ekwivoci li jistghu jinholqu meta jigu registrati l-korrezzjonjijiet relattivi;

4. Illi ulterjorment dejjem f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem H I G, senjatament taht il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm u ta' min ghamel id-dikjarazzjoni, ghandhom jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 331 tas-sena 2009;

5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit ta' C D.

Rat l-affidavit ta' A B.

Rat ir-rizultat ta' l-ezamijiet medici ikkonfermat bil-gurament minn Dr. Renald Blundell.

Rat l-affidavit ta' L D.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat H I G fejn dan eccepixxa:

Illi l-intimat issepara legalment minn l-intimata C D skond kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel fit-30 ta' April 2008;

Illi ghalkemm is-separazzjoni legali sehhet fit-30 ta' April 2008, l-intimat kien ilu *de facto* separat minn ma' l-intimata C D sa minn Lulju 2007;

Illi fil-perjodu ta' bejn Lulju 2007 u April 2008, l-intimata C D kellha relazzjoni ma' certu A B;

Illi l-intimat m'huwiex il-missier naturali tat-tarbija E F G.
Rat l-affidavit tal-istess H I G.

Rat l-affidavit ta' M D.

Rat l-affidavit ta' N D.

Rat l-affidavit ta' O P.

Mill-provi prodotti, il-Qorti tinsab sodisfatta illi t-talba tal-attur hija gustifikata, stante li jirrizulta li C D infirdet de

facto minn ma’ zewgha f’Lulju tas-sena 2007 meta l-istess zewgha siefer. Il-kuntratt ta’ separazzjoni relattiv gie pubblikat fit-30 t’April 2008. Il-minuri twieled fis-17 ta’ Dicembru 2008.

L-ezamijiet xjentifici juru bla dubju li l-attur huwa missier naturali tal-minuri.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ l-ewwel talba fir-rikors promotur.

Tilqa’ t-tieni talba u tordna li fl-att tat-Twelid Nru. 331/2009 jitnizzlu l-konnotati ta’ A B kif elenkati fir-rikors promotur minflok il-konnotati tal-intimat H I G.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------